MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 1282/2002/1

**Untours Insurance Agents Limited ghall-Qatar Insurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' Carmen Portanier u l-istess Carmen Portanier**

**vs**

**Joseph Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Mejju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u erbgha u hamsin lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm254.23), prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghal habta li grat fit-23 ta' Settembru, 2001, fil-Mellieha, bejn Toyota Dynamo KBE-489 misjuqa mill-konvenut u li Skoda numru FIZ-222 misjuqa minn Frank Galea, proprjeta` ta' l-attrici u assikurata b'polza "comprehensive" mal-Untours Insurance Agents Ltd. noe.. Flimkien ma' kundanna tal-konvenut**

**li jhallas mitejn u disgha u ghoxrin lira Maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm229.23) danni lill-Untours Insurance Agents Ltd. noe, u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) lil Carmen Portanier, Dok.P;**

**Bl-ispejjez ta' l-avviz u ta' l-ittra ufficjali ai termini tal-Kap.104, u bl-imghax minn notifika ta' l-avviz, kontra l-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut Joseph Vella prezentata fis-17 ta' Gunju, 2002, fejn intqal illi t-talbiet tas-socjeta` attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici stante illi l-incident in kwistjoni gara unikament tort u htija ta' Frank Galea li kien qed isuq il-vettura proprjeta` ta' l-attrici in kwantu kien hu li baqa' diehel gol-parti ta' wara tal-karrozza KBE-489 misjuqa minn Joseph Vella, kif miktub fir-Road Accident Report, u kif jista' jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**Illi ghalhekk il-konvenut ma kellu ebda tort jew htija fl-incident awtomobilistiku in kwistjoni u ghalhekk mhux responsabbli ghad-danni pretizi mis-socjeta` attrici u l-istess attrici;**

**Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.**

**Semgha x-xhieda ta' PS 795 Joseph Debono, Alfred Galea, Carmen Portanier, Mario Mifsud, Joseph Vella, Josephine Vella, Jonathan Vella u Carmen Agius. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fit-23 ta' Settembru, 2001, fil-11:15p.m. bejn il-vettura FIZ 222 misjuqa minn Alfred Galea u l-vettura KBE 489 misjuqa mill-konvenut. L-incident gara fi Triq Guze' Flores il-Mellieha.**

**2. Skond Alfred Galea hu kien gej minn Triq il-Pitirross, qed idur ghal go Triq Guze' Flores meta sab it-truck tal-konvenut ipparkjat f'nofs it-triq bla dwal u l-konvenut kien qed jitkellem ma' martu u ma' ibnu. Alfred Galea jaf lill-konvenut peress li hu gar tieghu. Skond dejjem ma jghid Alfred Galea hu kellu d-dwal iddimjati u waqaf biex jistenna li jkollu passagg minn fejn jista' jghaddi u skond l-istess xhud ighid li mart il-konvenut qaltlu li kien qed jistenna biex ighaddi. Wara li qaltlu Vella beda jsuq u Galea beda jimmanuvra biex ighaddi minn naha ta' gewwa, meta t-truck tal-konvenut qataghlu t-triq u laqtu fuq quddiem. Alfred Galea jghid illi fil-mument tal-kollizzjoni hu ma kienx miexi, u hu kien qed ipaqpaqlu biex jindikalu li hu kien ser jolqtu.**

**3. Galea kellu mieghu bhala passiggiera Carmen Portanier, sid il-karozza li kkonfermat li t-truck kien fid-dlam u li mart il-konvenut kienet qed tkellmu bit-truck prattikament wieqaf fin-nofs tat-triq u meta rathom, mart il-konvenut qaltlu li riedu jghaddu. Hi tikkonferma li waqt li qeghdin jimmanuvraw biex ighaddu minn gewwa, t-truck beda jdur u kien qed jaqta' ghal fuqhom u Galea daqqlu l-horn u waqaf, pero' t-truck baqa' gej u laqghathom fuq in-naha tal-lemin ta' quddiem.**

**4. Mart il-konvenut tikkonferma li l-konvenut waqaf ikellimha fit-triq, pero' tghid illi kien Galea li saq ghal gol-konvenut, waqt li l-konvenut kien qed isuq. It-Tribunal isibha difficli biex jaccetta l-fatt illi mart il-konvenut fil-fatt setghet rat l-incident isehh, minhabba li din kienet qieghda wara karozza parkeggjata. Jigi rilevat ukoll illi mart il-konvenut tghid li Galea paqpaq il-horn.**

**5. Il-konvenut qal li meta giet il-vettura l-ohra minn warajh, martu resqet ghal fuq il-bankina u hu qabbad il-magna, saq it-truck u sema' hoss. Skond Vella, kellu s-*side lamps* mixghulin u fejn kien hu kien hemm**

**bozza tal-Gvern. Skond il-konvenut, hu fehem li l-attur paqpaqlu sabiex iwarrablu.**

***6.*** **Il-kredibilita' tal-konvenut tigi fid-dubbju specjalment meta dan ighid li hu ma kienx miexi meta habat, filwaqt li ezatt wara jghid *"jiena smajt il-horn, soqt metru, smajt il-habta u waqaft".***

***7.*** **It-Tribunal ghandu d-dubbji wkoll dwar ix-xhieda ta' Carmen Agius, habiba tal-konvenuti illi filwaqt li tispjega li l-konvenut kellu d-dwal mixghulin li f'hin minnhom rat karozza gejja minn Triq Pitirros, f'waqt iehor tghid illi *"minhabba l-gabina tal-konvenut, ma stajtx nara l-vettura l-ohra".* Wara l-istess xhud qalet illi fil-fatt il-vettura ta' l-attur setghet taraha hi u gejja, pero' ma setghetx taraha meta daret.**

***8.*** **Ghalhekk fic-cirkostanzi ma hemmx dubbju illi meta l-konvenut saq sabiex ikun jista jghaddi l-attur, dana qata' l-kantuniera b'mod illi laqat il-vettura ta' l-attrici, tant illi qabel ma sehh l-incident l-istess sewwieq tal-vettura attrici paqpaq biex jindika l-perikolu tal-kollizzjoni. Jigi rilevat ukoll illi skond ir-*road accident report a tempo vergine* il-konvenut qal li wara li sema' l-horn beda miexi ghax haseb li xi hadd warajh ried ighaddi, filwaqt li l-istess jinsab konfermat illi l-vettura attrici kienet wieqfa.**

***9.*** **Ghaldaqstant ghall-incident inkwistjoni kien jahti unikament il-konvenut. Dwar id-danni dawna jinsabu konfermati minn Mario Mifsud li jahdem mas-socjeta' attrici bhala *motor claim supervisor*, kif ukoll mid-Dok P sa P 4.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn disgha u ghoxrin lira u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm229.23c) u lill-attrici s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00), ilkoll bl-imghax legali mit-30 ta' Mejju 2002.**

**Bl-ispejjez ta' l-ittra ufficjali ai termini tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------